MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2004

Numru 662/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**v**

**RENNIE SPAGNOL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RENNIE SPAGNOL** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Emanuel w Antonia nee Muscat, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Mejju 1982 u residenti Flat 6, Block A, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 0277882M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-hmistax w is-sittax ta' Awissu 2004 f'xi hin bejn nofs il-lejl w it-tileita ta' filghodu, fi Triq San Gorg, San Giljan ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien

jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 231 Alan La Grasta Agius u cioe persuna inkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

3. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' kontra PS 231 Alan La Grasta Agius skond kif iccertifikat Doctor Maria Gatt mill-Poliklinika tal-Gzira;

4. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku qal xi kliem oxxen jew indicenti li kien wkoll jikkonsisti f'dagha;

5. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe ta' PS 231 Alan La Grasta Agius jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijieu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor; u

6. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-istqarrija tal-imputat, l-okkorrenza relattiva, ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Maria Gatt fil-konfront ta' PS 231 Alan La Grasta Agius u l-fedina penali netta tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Awissu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta'

dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset wkoll l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u li l-istess imputat skuza ruhu tal-Ufficjal tal-Pulizija dakinhar stess tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi hija wahda perkunjarja.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artiikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95, 96, 221, 339 bb, 339 dd, 339 ee tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat RENNIE SPAGNOL hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------